MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 17/1997/1

**Il-Professur Dr. Joseph Troisi**

**Vs**

**Alfred Briffa, Editur tal-gurnal "It-Torca" u l-avukat Joseph Carmel Chetcuti**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-7 ta' Jannar 1997 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut Alfred Briffa huwa l-editur tal-gurnal "It-Torca" u permezz ta' ittra taht ir-ras "Il-Milied, l-omosesswali u l-Profs Troisi" miktuba mill-avukat Joseph Carmel Chetcuti, imxandra f' pagna 23 tal-gurnal "It-Torca" tal-Hadd, 5 ta' Jannar 1997, numru 2,741

(dokument A), taw malafama lill-attur billi attribwewlu fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-ridikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

Premess illi l-attur bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kkontemplati fil-ligi ta’ l-Istampa (Att XI ta’ l-1974), Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuti taw malafama lill-attur bl-istampat imsemmi kif inghad;

2. Tillikwida d-danni f’ ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira Maltija (Lm5,000) skond il-ligi ta’ l-istampa;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont likwidat u ddikjarat bhala dovut in linea ta’ danni kif fuq inghad;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Briffa pprezentata fis-17 ta’ Ottubru 1997 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-ewwel talba, in kwantu diretta kontrih, ghandha tigi michuda ghax hu ma mmalafamax lill-attur;

2. Isegwi, riferbilment ghat-tieni talba, li m’ hemmx danni x’ jigu likwidati favur l-attur, fil-konfront ta’ l-eccepjent;

3. Jizdied isegwi, riferibilment ghat-tielet talba, li l-eccipjent m’ ghandu xejn xi jhallas lill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Alfred Briffa u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat in-nota ta' l-attur ipprezentata fit-3 ta' Marzu 1998 li permezz taghha huwa rrinunzja li jkompli jagixxi fil-konfront tal-konvenut Dr. Joseph Carmel Chetcuti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Fl-affidavit tieghu (fol. 18) l-attur jallega li huwa hassu offiz bl-artikolu mitbugh f' forma ta' ittra mill-konvenut Avukat Joseph Carmel Chetcuti lill-Editur tal-gurnal "It-Torca" fil-persuna tal-konvenut l-iehor Alfred Briffa in bazi ghal dawn ir-ragunijiet:-

I. It-titolu "il-Milied, l-omossesswali u l-Profs. Troisi" jassocjah mal-kwestjoni ta' l-omosesswalita`;

II. Il-kliem minnu konsiderati oggezzjonabbli – "... kien qieghed jintervistani professur tas-socjologija minn fuq radju ta' l-Universita` fejn wiehed jistenna li l-intervistatur u s-semmiegha jkunu daqsxejn iktar intelligenti" – kienu intizi biex jirredikolawh, nieqes mill-intelligenza, u jehda bil-hmerijiet u l-affarijiet banali;

III. Gie mill-kittieb ta' l-ittra asserit li hu jibza' jitratta s-suggett dwar l-omosesswalita`, ibati b'omofobija, u nieqes minn sens ta' gentilezza, u b' nuqqas ta' professjonalizmu;

L-ewwel osservazzjoni li tixtieq taghmel il-Qorti hi din. L-attur, ghar-ragunijiet li jaf hu, ceda l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenut Dr. Joseph Carmel Chetcuti, l-awtur tal-kitba li hu jiddikjara li hi malafamanti fil-konfront tieghu (Ara nota ta' rinunzja a fol. 15);

It-tieni osservazzjoni li qed issir hi dik kaptata mis-sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana tal-25 ta' Lulju 2000 (Nru. 9746) li, *inter alia*, tipprovdi dan:-

"*Con riguardo alla valutazione, spettante al giudice, del carattere diffamatorio di uno scritto, tale carattere non puo` essere escluso sulla base di una lettura atomistica dello stesso, dovendosi, invece, giudicare la portata offensiva non solo alle singole espressioni in esso contenute, ma dell' intero contesto. Ne consegue che, anche in relazione al titolo di una articolo di stampa, il carattere offensivo va escluso non solo alla stregua della valutazione del titolo in se`, ma anche del rapporto di esso con il contenuto dello scritto.*"

Hu b' dan il-hsieb li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kontenut tal-missiva stampata u hekk meqjusa nkriminanti u oggezzjonabbli mill-attur. Fil-verita, u ghal kuntrarju ta' dak sostenut, issib li bl-ebda mod ma tista' taqbel ma' l-affermazzjoni ta' l-attur fir-rigward ta' l-istess stampat. Anzi tqis li l-kliem ma jistghux jigu kwalifikati bhala denigratorji tal-fama, la personali u lanqas professjonali, li jgawdi l-attur, u certament ma tarax kif qarrej ordinarju kellu jaghmel mill-kontenut l-inferenzi negattivi koncepiti mill-attur;

Anke kieku stess l-istampat kellu jitqies bhala kritika tal-fatt illi l-attur ma xtaqx jew ma riedx jintervista lill-konvenut Dr. Joseph Carmel Chetcuti fuq is-suggett ta' l-omosesswalita`, f' dak il-perjodu partikolari, ma jidhirx illi fil-kaz in ezami l-awtur ta' l-ittra naqas li jzomm ruhu fil-limiti tal-kontinenza u tal-korrettezza formali ta' l-espressjoni tal-fatti u tal-gudizzju;

Issa hu veru li bhal kull dritt iehor id-dritt tal-kritika ma ghandux jigi professat jew ezercitat, jekk mhux fil-parametri oggettivi ta' l-ordinament guridiku posittiv u tal-logika koncettwali. B' danakollu wiehed ma ghandux b' daqshekk jinferixxi illi l-kritika hi dejjem vjetata ghax din timplika gudizzju ta' dizvalur li jincidi fuq ir-reputazzjoni personali u l-prestigju professjonali ta' dak li fil-konfront tieghu l-istess kritika tkun diretta;

Hu ben assodat illum mill-izvilupp gurisprudenzjali fuq il-materja illi "hafna issa hu aktar tollerat minn qabel in omagg ghall-principju li d-dibattitu pubbliku fuq materja ta' interess kellu jinghata spazju aktar wiesa ..." ("**Dr. Alfred Sant –vs- Arnold Cassalo et**", Appell, 23 ta' April 2001);

Naturalment wiehed ghandu dejjem isib il-bilanc bejn l-interess individwali tal-harsien tar-reputazzjoni u l-liberta` tal-hsieb, kostituzzjonalment garantit. Jghoddu f' dan il-kuntest l-enuncjazzjonijiet espressi fid-decizjonijiet fl-ismijiet "**Vincent Borg –vs- Victor Camilleri *et***", Appell Civili, 8 ta' Novembru 1994 u "**Perit Duminku Mintoff –vs- Dr. Joe Brincat *et***", Appell, 8 ta' Jannar 2001;

Hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi meta tqis l-istampat fl-assjem tieghu ma tasalx biex tirravviza, f' materja bhal din ta' responsabilita` civili, lezjoni ghar-reputazzjoni personali jew professjonali ta' l-attur, intiza din bhala dik il-fama li l-attur bhala bniedem igawdi fost il-konsocjati f' socjeta` demokratika. Ma tarax illi l-kummenti jew kritika huma akkompanjati minn motivi ulterjuri, skorretti jew smizurati meta dawn ma ttraxxindewx f' attakki virulenti li jolqtu l-figura morali ta' l-attur. (Vide "**Il-Pulizija –vs- Joseph Micallef Stafrace**", Appell Kriminali, 8 ta' Jannar 1959);

Fi kliem iehor, il-Qorti ma tiskontrax fl-istampat attribuzzjoni ta' fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama ta' l-attur jew li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku (Artikoli 11 u 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, Kapitolu 248). F' kull kaz il-kliem hekk dikjarati oggezzjonabbli huma fl-opinjoni tal-Qorti "ta' ftit kont"

(Vide sentenza fl-ismijiet "**Lino Spiteri –vs- Raymond Bugeja *et nomine***", Appell Civili, 5 ta' Frar 1993);

Il-Qorti, imbaghad, ma tistax tifhem kif l-attur issokta jissottometti illi l-kitba hi libelluza meta kien hu stess li rrinunzja ghal kull dritt ta' azzjoni u rizarciment fil-konfront ta' l-awtur ta' l-istess kitba. Inoltre tosserva wkoll illi l-attur ma zmentiex il-fatti kif rakkontati mill-kittieb. Fatti dawn li jidher li servew ta' bazi ghall-kumment jew kritika tieghu, u ghalhekk ghandhom jitqiesu "fatti veri fil-komplettezza taghhom" ("**Angelo Fenech *proprio et nomine* –vs- Anthony Montanaro *et nomine***", Appell Civili, 21 ta' Jannar 1993.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha suesposti takkolji l-eccezzjonijiet tal-kovnenut Alfred Briffa *qua* Editur tal-gurnal "It-Torca" u b'hekk tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez ta' l-istess kawza jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------